**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 18 ta' Novembru 2021**

Rikors Numru: 373/21 AL

A B C

vs

D C

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw iż-żwieġ tagħhom f' Malta fl-1 t' Ottubru 2014 (Dok A) u minn dan iż-żwieġ huma kellhom tifla waħda E C, illi twieldet fil-15 t' Ottubru 2013;

2. Illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat nhar it-18 ta' Frar 2016 fl-atti tan-Nutar Liza Schembri (Dok B);

3. Illi l-partijiet ilhom jgħixu mhux flimkien minn Mejju tas-sena 2015 kif indikat fil-preambolu tal-istess kuntratt ta' separazzjoni;

4. Illi l-manteniment dovut mill-intimat għall-ħtiġijiet tat-tifla dejjem tħallsu u ma hemm l-ebda arretrati;

5. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti;

6. Illi għalhekk il-kondizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta huma sodisfatti in vista tal-fatt l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m'huwiex meħtieġ illi ssir medjazzjoni bejniethom;

7. Illi l-esponenti qegħda tannetti l-affidavit tagħha, bil-Malti u bl-Ingliż, ma' dan l-att (Dok C1-C2) flimkien ma' traduzzjoni ta' dan l-att bil-lingwa Ingliża stante illi hija ma titkellimx bil-lingwa Maltija (Dok D).

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Previa s-smigħ tal-partijiet kif maħsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif maħsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta' Settembru, 2021;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla u fuq domanda tal-Qorti jwieġeb li ma' għandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-18 ta' Frar 2016;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.